TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/267/11/S

Paul Grech

Vs

Noel Gauci ezercenti l-kummerc bhala Gava Interiors

Illum 29 ta'Marzu, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Paul Grech ipprezentata fl-1 ta'Gunju,2011 u r-risposta tal-intimat Noel Gauci ezercenti l-kummerc bhala Gava Interiors datata 16 t'Ottubru,2011 u 25 ta'Jannar,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni taghhom maghmula fit-3 ta'Frar,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'solar water heater' li inxtara fis-sena 2006 u li skont ir-rikorrent beda' johrog l-ilma minnu wara biss ftit xhur li inxtara;

Illi skont ir-rikorrent, dan il-mudell ta' "solar water heater" hu difettuz ghax ghalkemm inbidlu diversi partijiet minnu mill-intimat, baqa' jitlef l-ilma u ma jahdimx kif suppost;

Illi r-rapprezentant tal-intimat ikkonferma fix-xhieda tieghu li ghaxar xhur wara li kien xtara is-'solar water heater', ir-rikorrent ilmenta fuqu mal-intimat;

Illi jinghad ukoll li r-rikorrent halla ftit taz-zmien jghaddi biex ipprezenta formalment l-ilment tieghu ghalkemm l-istess Paul Grech stqarr li ilmenta kemm-il darba fuq l-istess prodott;

Illi ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni it-trapass taz-zmien minn mindu l-oggett inxtara u meta sar l-ewwel ilment formali quddiem dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba tar-rikorrent Paul Grech u Jordna lill-intimat Noel Gauci ezercenti l-kummerc bhala Gava Interiors jirranga l-imsemmi

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

'solar water heater' a sodisfazzjon tal-istess rikorrent Paul Grech u dan fi zmien xahar mill-llum minghajr hlas daparti tar-rikorrent Paul Grech, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru